



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2013/0358(NLE)

6.2.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni
(COM(2013)0744 – C7 -0000/2014– 2013/0358(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Anneli Jäätteenmäki

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-intensifikazzjoni ta' kuntatti interpersonali, billi tissaħħaħ il-mobilità f'ambjent sigur u mmaniġġjat sewwa, hija waħda mill-prinċipji gwida tas-Sħubija tal-Lvant. Il-liberalizzazzjoni tal-viżi tibqa' objettiv konġunt kemm tal-pajjiżi sħab individwali kif ukoll tal-UE għall-benefiċċju tal-popolazzjoni iġenerali.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Praga tas-7 ta' Mejju 2009 li tistabbilixxi s-Sħubija tal-Lvant enfasizzat l-importanza tal-promozzjoni tal-mobilità taċ-ċittadini f'ambjent sigur, permezz ta' ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u dwar ir-riammissjoni. Id-dikjarazzjoni stabbiliet il-liberalizzazzjoni tal-viżi bħala l-objettiv fit-tul li għandu jkun akkumpanjat minn titjib fil-kundizzjonijiet tas-sigurtà biex jiġu miġġielda l-kriminalità transfruntiera u l-migrazzjoni irregolari. Is-Summit ta' Varsavja ta' Settembru 2011 u s-Summit ta' Vilnius ta' Novembru 2013 reġa' kkonferma dawn l-objettivi, filwaqt li enfasizza b'mod parikolari li l-kooperazzjoni u l-koordinament ulterjuri għandhom jinkludu bħala għanijiet il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-ġlieda kontra din il-migrazzjoni, il-promozzjoni ta' migrazzjoni u mobilità siguri u mmaniġġati sewwa, kif ukoll il-ġestjoni integrata tal-fruntieri.

Diġà fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)¹, il-Kummissjoni kienet irrakkomandat li għandhom jinbdew negozjati dwar ir-riammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viżi mal-pajjiżi tal-PEV. Skont l-approċċ komuni għall-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi li ġie miftiehem f'Diċembru 2005 fil-livell ta' COREPER mill-Istati Membri, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma jiġix konkluż mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' riammissjoni.

Id-deċiżjoni proposta tikkunsidra u tirrifletti l-qafas ta' kooperazzjoni eżistenti mal-Azerbajġan, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni attwali li daħal fis-seħħ fl-1999, id-Dikjarazzjonijiet mis-Summits tas-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll in-negozjati li għaddejjin bħalissa għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan. Ftehimiet simili diġà ġew finalizzati mal-Armenja, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina.

L-awtorizzazzjoni formali għan-negozjati dwar il-ftehim ta' riammissjoni mal-Azerbajġan ġiet adottata fid-19 ta' Diċembru 2011. In-negozjati bdew fi Marzu 2012, u t-test maqbul ġie inizjalat fid-29 ta' Lulju 2013.

Id-deċiżjoni proposta għall-konklużjoni tal-ftehim tinkludi għadd ta' elementi standard inklużi fil-ftehimiet dwar ir-riammissjoni konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi. Fil-ftehim il-firmatarji jergġhu jaffer maw li dan għandu jiġi applikat b'tali mod li jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-partijiet taħt l-istrumenti internazzjonali rilevanti applikabbli għalihom.

L-obbligi ta' riammissjoni huma mfassla b'mod kompletament reċiproku u jkopru ċittadini, ċittadini ta' pajjiżi terzi u apolidi, filwaqt li jistabbilixxu wkoll il-prerekwiżiti għall-obbligu ta' riammissjoni għal dawn it-tnejn tal-aħħar. Il-ftehim jistabbilixxi l-arranġamenti għall-implimentazzjoni Prattika tiegħu, inklużi t-twaqqif ta' Kumitat Konġunt għar-Riammissjoni,

¹ COM(2006)0726

il-kundizzjonijiet għall-proċedura aċċelerata, klawnsoli dwar il-kostijiet, il-ħarsien tad-data u r-relazzjoni ma' obbligi internazzjoni oħra. Il-ftehim japplika fit-territorji tal-Azerbajġan u tal-UE, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, tad-Danimarka u tar-Renju Unit.

L-Azerbajġan irratifika għadd ta' konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-istatus tar-rifuġjati u l-protokoll tal-1967. Huwa membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. L-Azerbajġan huwa pajjiż sieħeb fi ħdan il-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, li hu bbażat fuq il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għall-valuri fundamentali, inklużi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

In-negozjati għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan tnedew fil-15 ta' Lulju 2010 u wara progress inizjali tilfu l-impetu tagħhom. Il-qafas kuntrattwali l-ġdid għandu jikkontribwixxi biex isaħħaħ ulterjorment ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Azerbajġan. Is-Sottokomitat UE-Azerbajġan għall-Ġustizzja, il-Libertà u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija ltaqa' għall-ewwel darba fit-30 ta' Novembru 2010. S'issa saru tliet sessjonijiet. L-UE u l-Azerbajġan għandhom jitħeġġu biex jorganizzaw sessjoni tas-Sottokomitat fuq bażi annwali.

Meta tqis l-elementi ta' hawn fuq, ir-rapporteur għal opinjoni għaldaqstant temmen li jeżisti qafas sod biżżejjed fl-Azerbajġan sabiex ikun żgurat li d-drittijiet tal-persuni involuti skont il-ftehim jiġu rispettati. Il-ftehim ta' riammissjoni għandu jiġi konkluż mingħajr dewmien u jidħol fis-seħħ fl-istess żmien mal-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi, minħabba li ż-żewġ ftehimiet jorbtu ma' xulxin.

Il- Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 10 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Ulrike Lunacek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Sophocles Sophocleous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Reinhard Bütikofer, Véronique De Keyser, Kinga Gál, Antonio López-Istúriz White
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Leonidas Donskis, Marie-Christine Vergiat